***- LIBELL -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 2147/98/RCP**

**L-Onorevoli Dottor Alfred Sant**

**vs**

**Dione Borg, artikolist, u Victor Camilleri bhala Editur tal-gurnal "Il-Mument"**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut Dione Borg kiteb artikolu, pubblikat mill-konvenut l-iehor, fil-harga tal-gurnal "Il-Mument" tat-18 ta'

Ottubru 1998, taht ir-ras "Alfred Sant iltaqa' ma' hu Meinred Calleja f'Kastilja";

Illi permezz ta' dan l-artikolu, ppublikat b'tant prominenza fl-ewwel faccata, il-konvenuti taw malafama lill-istanti billi attribewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Illi fl-artikolu mitbugh gie allegat illi l-istanti, meta kien ghadu Prim Minsitru, kellu laqgha f'Kastilja ma' Patrick Calleja, hu Meinrad Calleja, liema laqgha nzammet fil-mistur u li dejjem, skond artikolist, tali laqgha *"trid tkun kunsiderata fid-dawl tad-dikjarazzjoni li fl-ahhar gimghat minn wara l-elezzjoni ghamel Alfred Sant meta qal li hu ma jidholx f'intricci simili".*

Illi din l-allegazzjoni hija inveritiera u kienet intiza biss biex taghmel hsara lill-istanti;

Illi konsegwentement l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-**Att dwar l-Istampa**;

Illi l-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-istampat surreferit il-konvenuti taw malafama lill-istanti bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk determinata bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 2 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol.10 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma hemm xejn libelluz billi jonqos l-element ta' difamazjoni.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol. 10 *et seq. tal-process*;

Rat il-verbali tas-seduta tal-4 ta' Mejju 1999 u tal-10 ta' Jannar 2000;

Rat in-nota ta' l-attur li biha ezebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Marzu 2000; tal-24 ta' Mejju 2000; tat-12 ta' Ottubru 2000 fejn Dr. Pawlu Lia ddikjara li l-attur m'ghandux provi aktar; tat-18 ta' Jannar 2001 fejn xehed Dione Borg. Dr.Zammit Maempel obbliga ruhu li jesebixxi dokumenti relattivi u l-konvenut obbliga li jaghmel dan permezz ta' nota fi zmien 15-il gurnata u notamenti ohra li huma relevanti mal-kaz b'kopja lill-kontroparti; u tat-28 ta' Marzu 2001 fejn Dr.Zammit Maempel talab estensjoni ta' zmien biex jipprezenta d-dokumenti ndikati fl-ahhar verbal. Dr.Pawlu Lia ma opponix purche' li zamm id-dritt li jitlob l-isfilz ta' xi dokumenti li jhoss li huma inammissibbli u li jressaq dokumenti jew provi jekk ikun il-kaz. Il-Qorti laqghet it-talba u estendiet it-terminu ghall-15 il-jum.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ezebew 54 dokumenti;

Rat il-verbali tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2001; tal-14 ta' Novembru 2001 fejn Dr.Zammit Maempel iddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu sal-15 ta' Jannar 2002 lill-atturi bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontroparti li jkollu sal-ahhar ta' Marzu 2002 biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fit-30 ta' April 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur;

Rat li l-konvenuti ma ipprezentaw ebda nota ta' ossservazzjonijiet fit-terminu lilhom moghti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta' Dicembru 1998), "**Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. 21 ta' April 1999) **u "Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-1 ta' Lulju 1999.)**, u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1840/97/RPC- **P.A.** 14 ta' Ottubru 1999), **u wkoll "Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Ineffetti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996.) li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **(Reginald Miller vs Harold Scory -**XXXVI.IV.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** Vol.XI.IV.1195; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** JSP. 929/90/JSP. 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu il-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules*

*of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati**. ("Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine".** A.C. 8 ta' Gunju 1999).

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien".** ( A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859.) giet imfissra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".*

Illi fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Olivieru Munroe". (**XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' ikun ta' zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej"* **("Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et."** P.A.H. 28 ta' Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi innotat dak li intqal fis-sentenza **"Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus"** (A.C. 4 ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu il-konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, stante li illum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** ta-istess **Kostituzzjoni** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et"** (A.C. 8 ta' Novembru 1995) intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"il-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja", "dan li il-Qorti ghandha tippermetti l'atitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika",* u tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija indirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi "**John Zammit vs Felix Agius**" (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta' Marzu 2001, kif ukoll f' "**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 122/99/RCP), "**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et"** (Cit Nru 123/99/RCP), "**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 129/99/RCP) u "**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima"** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta' Ottubru 2000, u fis-sentenza "**Dr Andrew Borg Cardona vs Joseph S Abela"** Cit Nru: 1311/98/RCP deciza fl-24 ta' Jannar 2002.

**B. <u>PROVI PRODOTTI DWAR IL-KAZ.</u>**

Illi din il-kawza tittratta dwar artikolu li l-konvenut Dione Borg kiteb intitolat **"Alfred Sant iltaqa' ma' hu Meinrad**

**Calleja"** w ippublikat fil-harga tal-Hadd 18 ta' Ottubru 1998 fil-gurnal "Il-Mument" liema gurnal kien ippublikat mill-konvenut l-iehor. Dan l-artikolu kien pubblikat fl-ewwel faccata tal-gurnal u b'ittri kbar prominenti huwa intitolat "**Alfred Sant iltaqa' ma' hu Meinrad Calleja f'Kastilja"** u tratta allegazzjonijet li suppost graw meta l-attur kien ghadu Prim Ministru.

Illi f'dan l-artiklu citat hemm miktub is-segwenti :-

*"Qabel l-elezzjoni li ghaddiet, Alfred Sant bhala Prim Ministru kellu laqgha f'Kastilja ma' Patrick Calleja, hu Meinrad Calleja."*

*"Minn informazzjoni li ghandu Il-Mument jirrizulta li din il-laqgha saret xi gimghat qabel l-ahhar elezzjoni b'indikazzjonijiet li din saret fil-granet qabel l-1 ta' Gunju li ghadda. Din il-laqgha dejjem inzammet fil-mistur u qatt ma nghataw dettalji dwarha."*

*"Il-laqgha li Alfred Sant bhala Prim Ministru kellu f'Kastilja ma' Patrick Calleja, hu Meinrad Calleja, trid tkun kunsidrata fid-dawl tad-dikjarazzjoni li fl-ahhar gimghat minn wara l-elezzjoni ghamel Alfred Sant meta qal li hu ma jidholx f'intricci simili."*

*"Is-sorsi li tkellmu ma' Il-Mument sostnew ukoll li l-laqgha bejn Alfred Sant u Patrick Calleja f'Kastilja trid tkun*

*kunsidrata wkoll mal-fatt li nhar l-1 ta' Gunju kienet tnehhiet is-sigurta' minn ma' Richard Cachia Caruana."*

Illi dan l-artikolu semma' wkoll li Meinrad Calleja kien akkuzat b'komplicita' fil-kaz ta' l-attentat ta' omicidju volontarju fuq Richard Cachia Caruana; kif ukoll dwar pubblikazzjoni ta' xi materjal propogandistiku li kien imqassam ftit qabel l-elezzjoni u li kien jappella lill-qarrejja biex ma jivvutawx lill-Partit Nazzjonalista.

Illi **Dr. Alfred Sant** fl-affidavit tieghu kkonferma d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici. Huwa xehed li qatt ma ltaqa' ma' Patrick Calleja la f'Kastilja jew barra minnha, kemm meta kien Prim Ministru u kemm meta ma kienx. Huwa qal li din l-allegazzjoni saret biex tiskredita stqarrija formali li ghamel kemm-il darba li bhala Prim Ministru warrab kull opportunita' biex jiltaqa' ma' nies li b'xi mod kienu nvoluti fil-kaz ta' l-attentat ta' qtil fuq Richard Cachia Caruana, minhabba li hass li s-sistema gudizzjarja kellha tithalla timxi sa l-ahhar fuq il-bazi ta' l-evidenza mressqa quddiemha minghajr interferenza jew intervent mill-fergha politika tal-pajjiz. Dan Patrick Calleja jigi hu Meinrad Calleja, akkuzat bhala l-mohh wara l-attentat ta' qtil fuq Richard Cachia Caruana, f'Dicembru 1994, kif ukoll dwar reati ta' droga. Il-kaz tieghu nghata mportanza kbira fl-ahhar snin u l-istess xhud kien kritiku hafna dwar l-avvenimenti li sehhew madwar l-istess kaz.

Illi kwindi Dr Sant sostna li din l-allegazzjoni saret biex turi li huwa gideb dwar dak li stqarr, u li kellu intenzjonijiet differenti jew kuntrarji ghal dak li stqarr pubblikament. L-allegazzjoni giet impoggija b'mod li taghti l-ideja li ghamel xi haga rregolari, jew hazina, jew li kellu xi hsibijiet ulterjuri. Dan stante li fl-artikolu ntqal illi din l-allegata laqgha *"inzammet fil-mistur u qatt ma nghataw dettalji dwarha",* u l-istess laqgha kienet konnessa mat-tnehhija tas-sigurta' minn ma' Richard Cachia Caruana. Dan cahdu assolutament.

Illi huwa qal ukoll li certu Joe Borg, fl-ufficcju personali tieghu, infurmah li kien mar ikellmu Patrick Calleja. F'xi zmien jaf ukoll li ra kopja ta' l-ittra li dan Calleja baghat jew halla. Sa fejn ftakar ma kien ha l-ebda azzjoni fuq l-ittra hlief li talab li kopja taghha tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-konvenut **Dione Borg**, gurnalista man-Nazzjon, xehed li l-Istamperija kellha informazzjoni li Patrick Calleja mar Kastilja biex jitkellem mal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien li kien Dr. Alfred Sant. Huma hassew li din kienet gejja minn sorsi ta' min jorbot fuqhom. Sussegwentement,wara li gie ppubblikat dan l-artiklu rrizulta li dan Calleja vera mar Kastilja biex ikellem lil Dr.Alfred Sant pero' minflok kellem lis-Segretarju jew halla xi dokument mas-segretarju tieghu. Dwar din it-tieni informazzjoni Dr.Sant kien tkellem f'konferenza politika f'San Giljan u dakinhar stess il-gazzetta gabet din id-dikjarazzjoni.

Illi in kontro-ezami qal li kien jaf li Patrick Calleja kellu l-intenzjoni li jkellem lill-Prim Ministru minn stqarrijiet pubblici li ghamel Calleja stess. It-titlu kien tieghu. Huwa spjega li ta l-istorja lill-editur u kienet fid-diskrezzjoni tieghu f'liema pagna jaghmilha. Ir-raguni li ghazel li jaghmel l-istorja kienet ghaliex Meinrad Calleja kien qed jissemma' pubblikament f'diversi kuntesti fosthom fl-attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana kif ukoll ghal traffikar ta' droga. Il-Partit Laburista kien qed isemmih kontinwament fi stqarrijiet u diskorsi.

Illi inoltre' meta mistoqsi jekk huwa vverifikax mal-Ufficcju tal-Prim Ministru jekk il-Prim Ministru kellux xi nkontru ma' xi hadd in konnessjoni ma' Meinrad Calleja l-konvenut Borg irrisponda li huwa ma vverifikax b'mod ufficjali. Ir-raguni li taha kienet li f'dak iz-zmien l-Ufficcju tal-Prim Ministru ma kienx accessibbli ghall-gurnalisti ta' L-Istamperija Indipendenza. Illi rigward jekk ghamilx rettifika xehed li huwa rrapporta l-i*speech* tal-Prim Ministru fuq in-Nazzjon tal-gurnata ta' wara.

Illi l-konvenuti esebew ukoll diversi artikoli minn gazzetti differenti ta' kull naha tal-ispettru Malti gurnalitistiku u wkoll dikjarazzjonijiet ta' ghaqdiet dwar l-istess kaz ta' Meinrad Calleja u dan jirreferi kemm ghal qabel id-data tal-istess artikolu u kemm wara.

## C. Applikazzjoni Tal-Ligi Ghall-Kaz.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti u mill-istess affidavit tal-attur kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut Dione Borg, li l-fatt allegat kontra l-attur kien inveritier u dan fis-sens li mill-atti processwali l-konvenuti ma gabu l-ebda prova kwalunkwe li dan l-inkontru fil-fatt sehh, u tenut kont tal-fatt li l-istess artikolu kien kollu kemm huwa ibbazat fuq din il-premessa, jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li fejn inghad li l-attur kellu laqgha ma huh Meinrad Calleja huwa ghal kollox inveritier u bla ebda bazi fattwali.

Illi dan bhala fatt lanqas jidher li gie kkontestat mill-konvenuti, tant li l-unika eccezzjoni taghhom hija fis-sens li l-istess artikolu ma huwiex fih innifsu ingurjuz.

Illi hawn issir riferenza ghall-principju li jekk dak li hemm addebitat lill-attur fl-artiklu ma huwiex minnu dan jaghti lok ghall-azzjoni ta' malafama u dan huwa konsistenti mas-sentenza **"Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe"**(PAF 27/4/99 Vol.LXXII.iii/v.792) fejn inghad *"kemm il-darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi ghall-ahhar."*

Illi tant dan il-fatt uniku li fuqu huwa ppermjat l-artikolu kollu, bi prominenza kbira, li fil-fatt huwa it-titolu tal-istess rapport, ma jissussistiex li 'nfatti l-istess konvenut Dione

Borg fix-xhieda tieghu ammetta li sussegwenti l-pubblikazzjoni tal-artikolu mertu tal-kawza odjerna saru jafu li effettivament Patrick Calleja ma kellux laqgha mal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien la Kastilja u lanqas barra minnha. Huwa kien kellem lis-segretarju jew halla xi dokument mas-segretarju tieghu. L-istess xhud qal li ma kienu saru l-ebda verifiki b'mod ufficjali dwar dan izda qaghad fuq sorsi li skond hu kien ta' min jorbot fuqhom.

Illi il-fatt li l-istess konvenut ammetta li huwa ma ghamel ebda verifika certament ma tghinx il-posizzjoni tieghu f'din is-sitwazzjoni, anke ghaliex wiehed dejjem, anke bhala prudenza ghandu jivverifika l-veracita' *o meno* ta' allegazzjoni li huwa jaghmel iktar u iktar meta din tkun ser tigi mxanndra ghall-pubbliku, li jiddependi tant fid-dinja moderna fuq informazzjoni preciza, ezatta u veritiera anke biex jiehu id-decizzjonijiet tieghu.

Illi huwa minnu wkoll li l-kaz ta' Meinrad Calleja u l-avvenimenti u c-cirkostanzi madwaru kienu qed jissemmghu mill-istess Dr Alfred Sant fid-diskorsi, stqarrijiet u artikoli tieghu; pero' dan ma jiggustifika lil hadd li sabiex jirrispondi u jirribatti ghall-argument, ikun x'ikun u jsir minn min isir, wiehed ghandu jirrikori ghall-pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet li ma ghandhom ebda fondament fattwali u jippubblika artikolu b'fatti inveritieri.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Onor. Dr.Joseph M.Fenech vs Louis**

**Cauchi et"** (16/1/2002) fejn l-Ewwel Qorti giet kkwotata meta kienet qed tikkumenta dwar meta persuna jaghmel asserzjoni ta' fatt determinat bhal fil-kaz odjern. Dik il-Qorti qalet hekk :-

*"Il-kritika hi fondamentali f'socjeta' demokratika, pero' dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkunu ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F'dan ir-rigward il-**Gately** (op.cit.) jghid- "In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men. Il-**Gately** jispecifika inoltre illi – "Unless there is some clear evidence of malice or some mistatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be". Ghar-rigward ta' x'jikkostitwixxi 'mistatement of fact' l-istess **Gately** ighid- "It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct";*

*"Il-Qrati taghna segwew dawn l-insenjamenti u jista' jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata interpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa u azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu*

*ragonevoli.(Vide Appelli Civili* ***"Fenech vs Callus et"****-4 ta' Frar,1994. "****Sant vs Camilleri et"****- 14 ta' Frar,1994, u "****Mons.A.Gauci vs M.Schiavone et"****- 8 ta' Novembru, 1995)".*

*"Ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ….,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici";*

*"Illi dan kollu gie ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza* ***"Eddie Fenech Adami et vs. Joseph Vella et"*** *deciza fl-1 ta' Frar, 1998 meta gie ritenut – "Il-ligi taghna mhix njara tal-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici u importanti necessarjament huma esposti ghall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita' tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Pero' altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippublikah minghajr ma jkun hemm imqar bazi ta'*

*fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' "publish and be damned" qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna….."*

Illi ghalkemm sar zvilupp fis-sistema legali taghna fis-sens li r-restrizzjonijiet li taghmel il-**Ligi ta' L-Istampa (Kap.248)** ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' l-**artiklu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll fl-isfond ta' l-**artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Tal-Bniedem** (kif interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani), u kwindi dan wessa' d-dritt ta' l-espressjoni; madankollu l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita'. Dejjem tibqa' l-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma' l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.

Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata ta' **"Dr.J.M.Fenech vs L.Cauchi et"** tenniet li :-

*"Din il-Qorti hi konsapevoli tal-giurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif qed tizviluppa wara s-sentenza awtorevoli u imorattiva fil-kaz* ***Lingens*** *u fil-kaz iehor* ***Oberschlick*** *fejn il-Qorti Ewropea irriteniet li ma kienitx mehtiega f'socjeta' demokratika, ligi li tirrikjedi l-prova tal-verita' ta' opinjonijiet rigward figuri politici. Kuncett dan zviluppat fis-sentenza fil-*

*kawza* ***Thorgierson vs Iceland****, (1992) li bih l-applikant kien gie misjub hati ta' malafama tal-pulizija f'diversi artikoli kritici hafna tal-komportament u dixxiplina taghhom.*

*'Finding for the applicant the Court decided that the strong language followed from the author's assessment of the allegations of others and the state of public opinion about police misbehaviour. He (l-applikant) did not make any allegations which he should have been called upon to prove. He was writing about a matter of serious concern and his vigorous copy was designed to serve this purpose or drawing attention to it…..'*

*Fil-kawza* ***Schwabe vs. Austria*** *(1992) il-Kummissjoni Ewropea irriteniet illi 'Politicians must be prepared to accept criticism even if far fetched but that such criticism must be founded on correct factual statements. It somewhat mitigated what correctness required when it said 'In a short contribution to a discussion and the behaviour of politicians and the political morals not every word can be weighed to exclude any possibility of misunderstanding. The Court conflated the facts and opinion of Schwabe's article- they amounted to a value judgment for which no proof of truth is possible'. (***Harris, Boyle, Warbrick, Law of the European Convention of Human Rights***, p.397 et seq)."*

Illi waqt li din l-istess Qorti qeghda tezamina l-provi prodotti, u l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istess huwa

opportun f'dan l-istadju li wiehed jirreferi ghal dak li intqal minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (P.A. RCP. l-1 ta' Lulju 1999) fejn giet ikkwotata s-sentenza fl-ismijiet "**Lawrence Grech vs l-Onor. Prim Ministru *et***" (Qorti Kost. 15 ta' Mejju 1995 - Vol. LXXIX Pt. 1. Pg. 148) li sostniet illi "*Kulhadd ghandu d-dritt li jipprotegi r-reputazzjoni u fama tajba tieghu; li wiehed jattakka r-reputazzjoni u jnaqqas l-istima li persuna tgawdi fis-socjeta' hija haga kerha u ta' min jistmerrha. Ir-reputazzjoni tajba hija aqwa minn kull gid materjali u l-integrita` fizika taghna timmira wkoll li tharsilna l-integrita` morali taghna kif ukoll l-isem tajjeb taghna. Dan kollu huwa ragonevolment mehtieg f'socjeta' demokratika u ghalhekk, il-limitazzjoni li l-imsemmi artikolu tal-ligi jaghmel ghall-liberta` tal-espressjoni, bhala dritt fondamentali, ghandha l-iskop li tipprotegi r-reputazzjoni u l-fama ta' haddiehor.*" Dan inghad mill-Qorti Kostituzzjonali a rigward l-**Artikolu 29 tal-Kap 248**, pero` japplika wkoll ghall-**Artikolu 28 tal-istess Kap.**

Illi fis-sentenza **"Reginald Cini vs Ray Bugeja nomine"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2001) inghad li sabiex wiehed juri jekk id-dritt li wiehed jipprotegi r-reputazzjoni u l-fama tajba tieghu giex mittiefes wiehed irid ihares oggettivament lejn il-kitba *de quo* b'mod li wiehed jara x'fehem qarrej ta' intelligenza ordinarja hu u jaqra dak l-artikolu.

Illi fil-kawza "**Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja**" (P.A. (N.A.)19 ta' Jannar 1996.) intqal li:-

"*Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera taccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … … , fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz jonqos il-professjonalizmu u l-istharrig serju u minflok jidher generalizmu bbazat fuq allegazzjonijiet u ajdut li ma jirrispekkjawx il-fatti*."

Illi dan il-principju gie wkoll ikkonfermat fis-sentenzi ricenti fl-ismijiet "**Onor. Josef Bonnici vs Joe Chetcuti u Frans Ghirxi**" (P.A. 26 ta' Marzu 1999.) u "**Rev. Mons. Dr. Joe Vella Gauci vs Ray Bugeja**" (P.A. 22 ta' Marzu, 1999).

Illi konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li "*kemm il-darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ingurjuzi ghall-ahhar*." L-istess Qorti fis-sentenza "**Edgar Bonnici Cachia vs Dr. Michael Frendo et noe**" (PA. (J.F.) 27 ta' April 1999 Vol. LXXII. Pt III. Pg 792) sostniet:-

"*Il-Qorti tikkomprendi l-bzonn li jkun hawn stampa hielsa u tifhem ukoll li notizzji ta' certu 'hoss' ma jistghux ma jixxandrux. Minn naha l-ohra, il-Qorti qatt ma kellha, u ma jistax ikollha, simpatija ma' kitbiet li 'ihammgu' gravament ir-reputazzjoni personali b'mod li ma jirrispekkjawx il-verita`*."

Illi dan kollu jaghmel id-distinzjoni bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u kummenti fuq il-fatt "*jew allegati fatti*" wahda deciziva, jew kif ahjar maghruf *"allegation of fact"* u "*comment*" (vide **"Dr. Joseph Ciappara vs Joseph Zammit"** [P.A. (J.S.P.3 ta' Ottubru, 1991); **"Joseph J. Vassallo vs Paolo Pace"** [A.K. (MG) 17 ta' Jannar, 1951]; **"Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et noe"** [P.A. (W.H) 28 ta' Novembru, 1953) ilkoll ikkwotati fis-sentenza ta' din il-Qorti "**Marin Hili vs Felix Agius**" (Citazzjoni Numru 1767/97/RCP – P.A. 3 ta' Dicembru,1998) u ohrajn ricenti fosthom **"L-Onor. Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et"** (A.C. 16 ta' Jannar 2002) u **"Gordon Debono vs Carmel sive Charles Demicoli"** (P.A. (AJM) 30 ta' Jannar 2002) u **"Dr. Andrew Borg Cardona vs Joseph S. Abela"** (P.A. (RCP) 24 ta' Jannar 2002).

Illi wara li 'nghad dan kollu jirrizulta li fil-kaz odjern l-artikolu in kwistjoni jidher li kien indirizzat proprju biex iwassal il-messagg tal-fatt malafamanti lill-qarrejja tal-gurnal. Illi jidher car u ovvju li l-intenzjoni tal-istess artikolu kienet immirata evidentement biex tgiddeb lill-attur fid-dikjarazzjonijiet li ghamel qabel li ma riedx jiltaqa' ma' persuni konnessi fil-kaz ta' l-attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana u dan proprju minhabba l-fatt li tali kazi kienu ghadhom jew soggetti ghall-istharrig tal-Pulizija jew inkella pendenti quddiem il-Qrati u tenut kont tal-fatt li hawn qed nitkellmu fuq l-ghola membru tal-esekuttiv, jidhol wkoll il-principju baziku fl-ordinament demokratiku ta' kull pajjiz,

inkluz ta' pajjizna tad-dottrina tas-*Separation of Powers,* u distinzjoni li ghandha issir bejn il-Legisttattiv, u f'dan il-kaz Esekuttiv u l-Gudizzjarju.

Illi dan il-kaz kien wiehed li qajjem dibattitu serju fil-pajjiz u l-allegazzjoni li saret fl-artikolu rekriminat sar wara li l-attur kien sostna diversi drabi pubblikament li huwa ma riedx jiltaqa' ma nies li kienu b'xi mod involuti fl-istess kaz u/jew kazi, tant li l-istess attur kien kritiku ghal diversi cirkostanzi li ccirkondaw l-istess kaz.

Illi ghalhekk li wara tant dikjarazzjonijiet jinghad u jigi rrappurtat li l-istess attur, kontra dak kollu li kien qed isostni hu, kellu laqgha ma huh Meinrad Calleja u dan fis-sigriet, u wkoll tqabbel l-istess laqgha ma *"intricci simili"* li gew kritikati precedentement mill-istess attur u ssemmi u torbot l-istess laqgha mal-fatt li kif ikkowtata fl-istess rapport *"li nhar l-1 ta' Gunju kienet tnehhiet is-sigurta' minn mal-assistent personali tal-Prim' Ministru R.C.C.",* u l-asserzzjoni li tali laqgha kienet sigrieta u fl-istess artikolu ntrabtet mal-akkuzi, fil-konfront ta' Meinrad Calleja u l-attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana u mat-tnehhija tas-sigurta' minn ma' Richard Cachia Caruana, kif ukoll mat-tqassim qabel l-elezzjoni ta' materjal stampat b'allegazzjoni ghal skopijiet politici, irrendu l-istess rapportagg mhux biss serju u gravi izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dannuz ghal kollox fil-kredibilita' tal-istess attur u intiza biss sabiex tiskredita l-fama tieghu w intenzjonata sabiex timmalfama u taghmel dannu lill-istess, u dan

dejjem fil-kuntest tal-fatt li kif gie ppruvat f'din il-kawza tali laqgha qatt ma saret, u fil-fatt il-konvenuti odjerni ma gabu ebda prova kwalunkwe li din saret.

Illi meta wiehed ukoll jikkonsidra l-fatt li fl-istess artikolu inghad li dan l-allegat inkontru bejn l-istess hu Meinrad Calleja u l-attur sar mhux biss b'mod sigriet, izda wkoll li hadd u lanqas l-istampa ma inghatat ebda dettalji dwarha, ikompli juri b'mod mill-iktar gravi li mhux biss l-allegat fatt fih innifsu tal-inkontru kien fih xi haga hazina, izda iktar minn hekk il-kontenut jew il-konsistenza tal-istess inkontru fih innifsu giet suspettata, li certament iwassal mhux biss ghan-nuqqas ta' kredibilita' dwar l-integrita' tal-attur, izda wkoll ghal suspetti serji dwar il-fama tieghu.

Illi dawn il-konkluzjonijiet huma bbazati fuq it-test li l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza gja citata **"Onor. Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi u Onor. Dr. Alfred Sant"** (A.C. 16 ta' Jannar 2002) uzat sabiex tevalwa jekk artikolu hu x'inhu u taht liema forma hu, huwiex malafamanti jew le u fil-fatt qalet:-

*"Din il-Qorti ma tistax taqbel illi l-ezercizzju li kellha taghmel kellu jkun wiehed soggettiv relatat mal-awtur tal-artikolu biex tapprezza l-fatti li fuqhom wasal ghall-konvinciment morali tieghu.L-ezercizzju taghha* (tal-Qorti) *kellu jkun wiehed oggettiv biex tara jekk dak li inkiteb u gie prezentat bhala fatt lill-qarrejja kienx wiehed jew le malafamanti fil-konfront tal-persuna li lejha l-addebbitu kien dirett".*

Illi dan qed jinghad ukoll fil-kuntest ta' dak li inghad fis-sentenza **"Patrick Calleja vs Charles Demicoli"** (P.A. RCP. 7 ta' Dicembru 2000) u affermat fil-kawza fl-ismijiet **"Dr. Andrew Borg Cardona vs Joseph S. Abela"** (P.A. (RCP) 24 ta' Jannar 2002) fejn gie affermat il-principju konsistenti ma dak li nghad iktar il-fuq li:-

*"The law looks at the tendency and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher, if he has published words which have in fact injured the plaintiff's reputation he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act"* **(*Odgers - The Law of Libel and Slander, 6K Ed. P.97)* ("Edgar Bonnici Cachia vs L-avukat Dr. Michael Frendo" -** P.A. F. 27 ta' April 1989 - LXXIII. Iii. 792 **).**

Illi f'dan il-kuntest huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza **"Dr. J. Cassar vs Dr. J. Muscat et"** (A.C. 22 ta' Lulju 1985) u cioe':-

*"Huwa wiehed mill-iktar principji fundamentali in materja ta' ingurja bl-istampa illi dak li jkun intenda l-awtur tal-kitba inkriminata hu normalment fatt estraneu u dana ghaliex dak li huwa mportanti hu dak li jkun miktub u kif dan jiftiehem minn persuna ta' intelligenza ordinarja"*

Illi taht dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li hija regola *ormai* min qieghed jokkupa kariga pubblika, f'demokrazzija,

huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke harxa ta' l-operat tieghu, pero' tali kritika qatt ma ghandha twassal sabiex jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna bl-iskop li tali persuna tigi malafamata, ingurjata, u redikolata pubblikament, u t-test ghal dan xorta jibqa' kif *"a reasonable fair minded man"* cioe' *"the reasonable man, of normal intellegence, possessed of a degree of knowledge of current circumstances"* ihares u jifhem l-istess artikolu **("Hedley vs Tabone" - 7 ta' Frar 1953 - "Mintoff vs Schembri 7 ta' Frar 1953)** u ghal dan it-test mhux *"importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni gie miktub u stampat, imma l-importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni"* **("Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat - 22.07.1985).**

Illi stabbilit il-premess, jirrizulta wkoll li tali insinwazzjonijiet ghandhom fihom innifishom l-intenzjoni li jingurjaw u f'dan il-kaz, inaqqsu r-reputazzjoni tal-attur, f'dan il-kaz, ghaliex meta l-fatti huma minnhom innifishom malafamanti "*l-animus injuriandi*" jkun prezunt "*cum verba sunt per se injuriosa, animus iniuriandi praesunitur*" ("**Profs. John Rizzo Naudi vs Felix Agius et**" – App. 13-5-1997). "*Libel does not depend upon the intention of the defamer but on the fact of the defamation*" ("**Pul. vs J. Micallef Stafrace et**" – A.K. Vol. XLIII IV pg 880). Dan qed jinghad fl-isfond li wiehed jiehu l-artikolu fl-intier tieghu, bil-prominenza kollha li inghata *b'headlines kbar u front page*, li minnha innfisha

tindika li l-attur innifsu tratta l-istess allegat fatt ta' importanza massima ghaliex kien jiskredita lill-attur, ghaliex kien qed jindika li l-attur jghid mod u jaghmel iehor, almenu fil-kazi imsemmija minnu u li ghalihom jirreferi l-artikolu.

Illi mela jidher car illi ghalkemm wiehed jista' jaghmel kritika anke harxa fuq l-operat ta' persuna f'posizzjoni pubblika, dan ma jfissirx li b'daqshekk wiehed ghandu l-liberta' li jattribwixxi fatti mhux pruvati w ingurjuzi lill-istess persuna, ghaliex il-liberta' tal-espressjoni ghandha il-limiti taghha, fid-dritt ta' persuna li tiddefendi isimha u l-unur taghha, specjament meta tali fatti allegati jew insinwati assulotament ma jigux pruvati u ma jezistux. Jibqa' dejjem il-fatt li l-limiti tal-*fair comment* huwa li *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* (**"Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** - Vol.XI.IV.1195.; **"Dr Joseph M Ciappara vs Joseph Zammit"** - JSP 929/90/JSP. 3.10.1991).

Illi dan it-test semplici jidher li l-artikolu nkriminat ma ssodisfahx ghaliex il-fatt hemm insinwat, u attribwit lill-attur ma giex lanqas ppruvat; tant li jista' jinghad li l-artikolu mhux sempliciment ma qabilx mal-operat tal-attur u kritikah, izda attribwixxa fatt li ma kienx minnu b'mod li bl-allegazzjoni tal-istess fatt huwa ried jikkontradixxi dak li kien qal l-attur, u jidher li l-messagg tal-istess rapport kien li l-attur jghid mod u jaghmel mod iehor, liema

insinwazzjonijiet mhux ippruvati effettivament jattakaw serjament ir-reputazzjoni tal-istess attur, kif wara kollox gja inghad f'din is-sentenza.

Illi ghaldaqstant isegwi li dan l-artikolu kien tentattiv serju sabiex tigi attakkata l-integrita`, l-konsistenza, il-veracita' u r-reputazzjoni tal-attur, specjalment meta jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u li l-allegazjonijiet saru fil-konfront tal-attur, u dan jiggrava ruhu meta wiehed jikkonsidra s-serjeta' tal-materja dibattatuta u wkoll d-dikjarazzjoni precedenti tal-attur li huwa ma kienx involut fl-ebda stadju tal-investigazzjoni tal-kaz ta' Meinrad Calleja; u dan apparti li jidher li l-istess artikolista pprova jorbot dan l-allegat inkontru mal-fatt li kienet f'xi zmien tnehhiet l-iskorta minn ma Richard Cachia Caruana, li fuqu kien sar attentat ta' qtil, u b'hekk setgha wiehed jifhem li kien hemm motiv ulterjuri ghal din id-decizjoni mehuda f'dak iz-zmien mill-esekuttiv.

Illi dan huwa aggravat mill-fatt li l-konvenuti setghu facilment ghamlu verifika tal-fatti minnhom allegati u ppubblikati fil-konfront tal-attur, anke mieghu stess, izda din il-verifika semplici jidher li ma saritx. Ma hijiex skuzanti l-ispjega tal-konvenuti li huma ma kellhomx access ghal dak li kien jigri dak iz-zmien mill-Gvern, kemm ghaliex din ma gietx ippruvata, w apparti minn dan tentattiv mill-istess konvenuti lill-*channels* ufficjali huwa ammess li ma sarx; jidher li skond l-konvenuti dawn qaghdu fuq is-sors taghhom, pero' allura huma legalment u gurnalistikament

assumew ir-responsabilita' dwar tali rapportagg u l-konsegwenzi jekk tali allegat fatt ma jirrizultax, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz u huwa ammess mill-partijiet.

Illi fl-ahharnett jinghad li fl-ebda stadju l-kontenut tal-istess artikolu ma gie kontestat, kull ma gie eccepiet kien biss li tali artikolu ma kienx libelluz, anzi jidher mix-xhieda prodotta mill-istess konvenut Dione Borg li huwa iddecieda li jippubblika l-istess artikolu ghaliex sostna li kellu sorsi ta' min jorbot fuqhom li:

*"L-informazzjoni kienet li s-Sur Callja mar Kastilja biex ikellem lil Dr. Alfred Sant, ahna hassejna li l-informazzjoni kienet gejja minn sorsi ta' min jorbot fuqhom. Sussegwentement irrizulta li dan Calleja vera mar Kastilja biex ikellem lil Alfred Sant, pero' minflok kellem lil Dr. Alfred Sant kellem lis-Segretarju jew halla dokument mas-Segretarju tieghu".*

Illi pero' jekk wiehed jaqra l-artikolu, u jqabbel l-istess mad-dikjarazzjoni fuq kontenuta u moghtija lil din il-Qorti bil-gurament tal-konvenut Dione Borg innifsu wiehed mill-ewwel jinduna li l-informazzjoni li kellu l-istess konvenut Dione Borg kienet ghal kollox differenti minn dak li gie effettivament ippubblikat b'tant prominenza minnu; ghaliex f'opinjoni ta' din l-Qorti hemm differenza sostanzjali bejn li jinghad li l-attur iltaqa' ma hu Meinrad Calleja f'Kastilja f'laqgha sigrieta li dwarha ma inghatat ebda informazzjoni,

u li tghid li hu Meinrad Calleja mar Kastilja biex ikellem lill-attur, u ma tkunx taf jekk tali laqgha saritx jew le.

Illi jidher li anke meta gie allura biex jikteb dan l-artikolu, wiehed jifhem, u il-Qorti hawn qed tapplika it-test oggettiv ta' bniedem b'intelligenza ordinarja, li l-konvenut Dione Borg ma kellu ebda prova li fil-fatt saret din il-laqgha li huwa pprezenta bhala fatt lill-qarrejja tieghu, izda biss kellu sors li wassallu li hu Meinrad Calleja mar biex jaghmel appuntament jew biex jiltaqa' mal-attur bhala Prim Ministru. Fi kliem iehor pero' jekk din il-laqgha saritx jew le l-konvenut Dione Borg mix-xhieda tieghu ma jidhirx li kien jaf; hawn l-aspett tal-verifika jassumi importanza u konsewgenza logika ikbar, ghaliex altru tisma' haga u tivverifika jekk hiex vera, w altru li ma tkunx taf jekk tali haga sehhietx jew le, u tikteb li saret, fejn certament qabel ragonevolment jippretendi u jassumi li bniedem responsabbli ghandu jara qabel jekk dik il-haga adirittura kienetx almenu akkadiet u grat.

Illi taht dan l-aspett jidher allura car li s-sors li irrefera ghalih l-konvenut qatt ma tah l-informazzjoni dwar l-allegat fatt li saret laqgha bejn il-persuni indikati, izda tah biss informazzjoni li hu Meinrad Calleja talab laqgha mal-attur; fl-artikolu rekriminat din it-talba ghall-laqgha jidher li skond il-gurnalista' mhux biss sehhet, izda kollox inzamm mistur u mohbi, b'mod li intefa' dubju dwar is-sinifikat ta' tali laqgha ivvintata.

Illi ma hemm l-ebda dubju u lanqas hemm kontestazzjoni li tali artikolu tal-gazzetta *"Il-Mument"* tat-18 ta' Ottubru 1998 inkiteb mill-konvenut u li l-konvenut l-iehor kien l-editur tal-istess u f'dan il-kaz japplika, kif sewwa sostna l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu, dak li ntqal fis-sentenza **"Carmel Tonna vs Dr. Alfred Sant et"**

*"li min permezz ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata, jassumi, anke implicitament, posizzjoni guridika dwar dak allegat fil-konfront tieghu b'mod li jinduci lill-attur li ma jaghmilx prova partikolari (ghax il-prova tkun evidentement superfluwa fic-cirkostanzi)".*

Illi jinghad ukoll li hafna mid-dokumenti esebiti kemm f'dan il-kaz u kemm fil-kawza l-ohra fl-ismijiet "Onor. Dr. Alfred Sant vs Gordon Pisani et" strettament ma humiex relevanti ghall-kaz odjern stante li jgibu d-data ta' kemm qabel u kemm wara l-istess pubblikazzjoni ta' l-artikolu in kwistjoni, u dak li ghandu jigi ezaminat f'din il-kawza huwa biss l-artikolu *de quo* fil-kuntest ta' malafama *o meno* fil-konfront tal-attur. Illi pero' l-artikoli li jgibu dati precedenti ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess artikolu juru u jikkonfermaw li l-kazi imsemmija fl-istess gurnal li maghhom intrabat l-allegat fatt inkriminanti kienu suggetti li qajjmu interess pubbliku kbir u li kien fl-agenda tal-Partit Laburista izda certament ma jezonerax lill-konvenuti milli jiktbu u jippubblikaw artiklu b'fatti li qatt ma graw u m'humiex fondati; anzi fil-kuntest ta' dak li inghad iktar il-fuq jkomplu jiggravaw is-sitwazzjoni tal-konvenuti, ghaliex ibbazzaw

ruhhom fuq fatt li ma kienx veritier, li ma giex investigat u verifikat minnhom bl-iskop biss li jippruvaw jiskreditaw lill-attur, f'dak li kien qal jew ghamel qabel l-istess rapportagg. L-artikoli ta' wara l-istess pubblikazzjoni jismentixxu ghal kollox il-fatt allegat mill-istess konvenut Dione dwar l-imsemmija laqgha, u certament dan ma huwa l-ebda font ta' solliev ghall-istess konvenuti, lanqas fid-difiza taghhom f'din il-kawza.

Illi l-konvenut Dione Borg sostna li wara fil-Mument ixxandret u sar rapportagg ta' diskors ta' Dr.Alfred Sant fejn dan cahad il-fatti allegati fl-istess artikolu pero' dan bl-ebda mod ma jiggustifika il-fatt li l-istess konvenuti xandru u prezentaw bhal fatti incident li in verita' ma sehhx, u wkoll bl-ebda mod il-konvenuti ma sostnew li dak li gie rapportat minnhom kien ghalhekk zbaljat, ghalkemm anke kieku saret tali rattifika, xorta wahda din ma tinnewtralizzax l-azzjoni tal-konvenuti, kif gie deciz f'diversi sentenzi fosthom dik ta' **"L-Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (P.A. (RCP) 1 ta' Lulju 1999) li ghaliha qed issir riferenza.

Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma jistghux jintlaqghu stante li tali artikolu huwa malafamanti fil-konfront tal-attur, u l-konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli ghall-konsegwenzi legali taht il-Ligi tal-Istampa ghall-agir taghhom, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra l-

prominenza li inghatat l-istess ahbar, u l-mod kif giet presentata.

Illi fil-fatt din fiha infisha turi l-importanza li inghatat mill-konvenuti innifishom, li bil-fors tigbed l-attenzjoni ta' kull qarrej, b'mod li dan jifhem li l-attur ghamel xi haga hazina sew, u fuq kollox ghamel diversi dikjarazzjonijiet li kieku l-allegat fatt fl-istess artikolu kien veru, kienu jesponuh li huwa ma kienx qed jghid il-verita' lill-pubbliku. Tali artikolu ghalhekk ma jammontax ghall-kritika tal-operat ta' politiku f'mument meta kien membru tal-Esekuttiv, izda attribuzzjoni lill-istess attur ta' allegazzjoni ta' fatt jew fatti inkriminanti, u wiesgha kemm hija wiesgha l-kritika li tista' ssir lill persuni pubblici, din qatt ma tista' twassal li jinghadu affarijiet mhux veri dwarhom.

Illi dan jinghad ghaliex l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall preservazzjoni ta' integrita' u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f'certu sens malfama fil-konfront taghhom hija iktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista' ssir iktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika, milli ghall-persuni mhux hekk esposti.

Illi ghall-kumplament din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tallum stess moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Onor. Dr. Alfred Sant vs Gordon Pisani et"** (Citaz.Nru.

2200/98/RCP) f'dawk il-punti kollha li huma konsistenti mal-fatti f'din il-kawza.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, l-azzjoni attrici tirrizulta li hija ppruvata u ghalhekk gustifikata, u ssib l-artiklu indikat bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur ghaliex inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku.

**III. LIKWIDAZZJONI.**

Illi ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28(1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) (vide "**Ernest Tonna vs Felix Agius**" – Citazzjoni Numru 1755/97/RCP – 21 ta' April 1999) u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-gravita` tieghu kif premess il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) bejniethom.

**IV. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi :

1. Tiddikjara illi bl-istampat surreferit kif fuq inghad il-konvenuti taw malafama lill-attur bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsu lill-attur, l-ammont ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) li qed jigu likwidati minn dina l-Qorti ghal dan l-iskop ghat-tenur tal-**artikolu 28(1) Kap 248** bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' April 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' April 2002.**